MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 222/2009

**Datatrak IT Services Ltd. (C-9302)**

**Vs**

**Clifton Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba pprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hames mija u tmien Euro u hamsin centezmu (€508.50) rapprezentanti l-valur ta' servizzi ta' *surverying* li saru mis-socjetà attrici fuq inkarigu tal-konvenut fis-17 ta' Awissu 2005 u fit-30 ta' Settembru 2005, kif jirrizulta mid-dokumenti "A1", "A2" u "B" annessi ma' l-Avviz tat-Talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh izda dan ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas

ma deher ghas-seduti li inzammu quddiem it-Tribunal ; ghaldaqstant, il-konvenut baqa’ kontumaci.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici markati bhala Doks. “A1”, “A2” u “B” a fol. 2 sa’ 4 tal-process.

Sema’ x-xhieda ta’ Mario Attard Trevisan moghtija waqt is-seduta tad-19 ta’ Gunju 2009.

Ra illi fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2009 is-socjetà attrici ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi u talbet li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza.

**Ikkonsidra :**

Id-dokumenti markati “A1” u “A2” huma *surveys* maghmula mis-socjetà attrici fuq inkarigu tal-konvenut wiehed *land survey at Mgarr – Malta* datat 17 ta’ Awissu 2005 u l-iehor *survey property at Msida* datat 30 ta’ Settembru 2005. Id-dokument “B” huwa *statement of account* mahrug mis-socjetà attrici minn liema jirrizulta li huwa dovut mill-konvenut lill-imsemija socjetà l-ammont ta’ €508.50 ghaz-zewg surveys minnha esegwiti fuq inkarigu tieghu.

Waqt is-seduta tad-19 ta’ Gunju 2009 Mario Attard Trevisan, rapprezentant tas-socjetà attrici, ikkonferma li l-imsemmija socjetà esegwiet is-*surveys* indikati fuq inkarigu tal-konvenut u kkonferma li l-ammont dovut mill-konvenut ghal tali *surveys* huwa ta’ €508.50 kif jirrizulta mid-dokument “B” anness ma’ l-Avviz tat-Talba. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ammont ta’ €508.50 baqa’ ma thallasx mill-konvenut u ghalhekk ghadu pendenti sa’ illum.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ hames mija u tmien Euro u hamsin centezmu (€508.50), bl-imghax legali dekoribbli mill-25 ta’ Marzu 2009 (id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba) sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------